**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

Mario Cumbo

vs

Ellis Home Decor Ltd

CCT G1/21/MS

28 ta' Jannar 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fid-19 ta' Gunju 2021 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mitejn hamsa u tmenin Euro (€285.00), depozitu imhallas mir-rikorrent fuq ordni ta' madum, liema madum qatt ma gie konsenjat minkejja diversi talbiet bil-miktub u verbali, u minkejja ammissjoni mill-istess intimat li kellu t-tort.

Ra li s-socjeta' intimata, debitament notifikata, ma wegbitx ghat-talba u hadd mis-socjeta' ma deher quddiem dan it-Tribunal meta hekk imsejjah biex jidher.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda tar-rikorrent bil-gurament.

Ra illi fit-12 ta' Novembru 2021 il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

Ra illi ma kien hemm ebda ostakolu ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

Ikkunsidra.

Irrizulta mill-provi u mhux kontestat illi fl-4 ta' Gunju 2020, ir-rikorrent ordna sett ta madum - (Sales Order 7035) minghand is-socjeta' intimata u hallas depozitu ta' €285.00. Minkejja talbiet verbali u mil-miktub, tali madum qatt ma gie konsenjat. Ir-rikorrent kien anke baghat ittra legali f'Marzu 2021 li giet prezentata fl-atti. Ir-rikorrent ighid illi l-intimat ammetta mieghu li kellu t-tort u accetta li jaghti lura d-depozitu, pero' baqa' inadempjenti.

Illi hadd mis-socjeta' intimate ma deher meta hekk imsejjah u t-talba baqghet mhux kontestata. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandux verżjoni ohra li b'xi mod tikkontrasta

l-verżjoni tar-rikorrent, illi fic-cirkostanzi hija verosimili ghall-ahhar. Ghalhekk it-Tribunal jidhilru li t-talba tar-rikorrent ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallsu s-somma ta' mitejn hamsa u tmenin Euro (€285.00). Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri Av.
Arbitru